# Komunikazzjoni tal-Kummissjoni skond l-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2408/92

## Impożizzjoni ta' obbligi ta' servizz pubbliku, fir-rigward ta' servizzi ta' l-ajru skedati bejn Ostrava (OSR) u Brussell (BRU)

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2008/C 111/11)

1. Skond l-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2408/92 tat-23 ta' Lulju 1992 dwar l-aċċess għat-trasportaturi ta' l-ajru tal-Komunità għal rotot ta' l-ajru intra-Komunitarji, ir-Repubblika Ċeka imponiet obbligi ta' servizz pubbliku, fir-rigward ta' servizzi ta' l-ajru skedati bejn Ostrava (OSR) u Brussell (BRU).

2. L-obbligi ta' servizz pubbliku, huma dawn:

— *Frekwenzi minimi — rotta u numru minumu ta' rotazzjonijiet kull ġimgħa*

L-Ajruport ta' Ostrava Leoš Janáček (OSR/LKMT) — l-Ajruport ta' Brussell (BRU/EBBR): 3 rotazzjonijiet.

— *Parametri minimi meħtieġa ta' l-inġenji ta' l-ajru*

Inġenji ta' l-ajru bi pressjoni konstanti b'kapaċità minima ta' 30 post.

— *Operat kontinwu*

Ma jistgħux jitħassru aktar minn 2 % tar-rotazzjonijiet minn numru totali ta' konnessjonijiet offruti fuq ir-rotot individwali, matul il-perjodu sħiħ tal-ħidma, bl-eċċezzjoni tat-titjiriet imħassra għal raġunijiet esterni, bħalma huma t-temp, strajkijiet jew restrizzjonijet għall-ħidma imposti mill-ajruporti.

— *Skeda tat-titjiriet u struttura tal-konnessjonijiet*

Mhux aktar minn 30 % tal-konnessjonijiet offruti taħt l-obligazzjoni għal servizz pubbliku jistgħu jkunu f'forma ta' konnessjoni bi bdil ta' l-ajruplan.

L-ewwel titjira mill-ajruport ta' Ostrava Leoš Janáček ma għandhiex titlaq qabel 04.30 ħin lokali. l-aħħar titjira ma għandhiex tasal aktar tard mill-23.35 ħin lokali.

Żewġ kodiċijiet jew aktar huma permessi għall-istess titjira — qsim ta' kodiċi — għall-parteċipanti individwali.

Kooperazzjoni f'forma ta' ftehim bejn linji ta' l-ajru ma' trasportaturi oħrajn mhix assolutament meħtieġa iżda hija permessa.

— *Tariffi*

Il-prezz massimu għall-biljett mingħajr ritorn fuq ir-rotta OSR-BRU ma għandux ikun ta' aktar minn EUR 200.

Il-prezz massimu għall-biljett mingħajr ritorn jinkludi t-tariffa għall-vjaġġ mingħajr ritorn fil-klassi ekonomika mingħajr it-taxxa fuq il-valur miżjud.

— Għandha tintuża is-Sistema Globali għar-Reservazzjoni.